**Kunsill Lokali Il-Gżira**

283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A20-13

2 t’ Ottubru 2013

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/20**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-**Tnejn 7 t’Ottubru 2013 fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ Skeda ta’ Ħlasijiet
5. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-Quarterly Report April – Ġunju 2013
6. Affarijiet Oħra
7. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**7 ta' Novembru 2013**

**Seduta Nru: 20 - KUNSILL LOKALI GŻIRA**

Minuti tal-laqgħa li saret it-Tnejn 7 t'Ottubru 2013 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

**Is-Sinjuri:**

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Vincenza Attard, Charles Micallef St. John, Joseph M. Muscat u Victor Rutter flimkien ma' l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco. Attendiet għal parti mill-laqgħa l-*Accountant* tal-Kunsill Ms Johanna Caruana

**Skużat:**

Il-Kunsillier Joe Camilleri minħabba mpenn ieħor.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-2 t' Ottubru 2013

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

**1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Numru 19 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

## 2. Materji Konnessi

**2.1 Paġna Nru: 2 para 2.4 –** Iċ-*Chairman* informa li kellu kuntatt mad-Direttur tal-B.O.V. li kienu ser jisponsorjaw xi xogħlijiet kif ukoll, ġie nfurmat minn Uffiċjal ta' l-Awtorita' tat-Trasport li l-*upgrading* tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa kien ser jiġi ntegrat mal-proġett '*Re-Organisation of Ta' Xbiex Marina*' u għalhekk huwa kien ta' l-opinjoni li għalissa ma jintefqux flus.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li jsir biss xogħol ta' manutenzjoni tad-dawl fil-ġnien.

**2.2 Paġna Nru: 5 para 5.1** – ***Active Ageing Centre*** – Iċ-*Chairman* informa li kienet waslet l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar is-suġġett sopracitat kif ukoll, kien sar kuntatt mal-Ministeru tal-Familja u Soledarjeta' Soċjali dwar talba għall-għajnuna rigward l-ispejjeż meħtieġa bħal per eżempju dawk relatati ma' l-arredamenti.

Il-Viċi-Sindku ppreżenta pjanta ta' kif għandu jiġi organizzat internament iċ-Ċentru hawn fuq imsemmi u nforma li kien iltaqa' mal-kuntrattur *J&K. Contractors Ltd* dwar xi xogħlijiet li għandhom isiru.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mal-pjanta kif ukoll max-xogħlijiet neċessarji u rringrazzja lill-Viċi-Sindku għax-xogħol u l-ħin li kien qed jiddedika għal dan il-proġett.

Il-Kunsillier J.M. Muscat staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar is-*Savoy Gardens.*

Iċ-*Chairman* qal li l-Kunsill kien għadu qed jistenna l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 3. Korrispondenza

Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-7 t'Ottubru 2013, kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

**3.1** Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom

**3.2** Iċ-*Chairman* qal, li l-Kunsill kien ser jingħata l-ammont ta' €2,300 f'għajnuna finanzjarja għall-*Live Streaming* skont *Memo 17/2013*, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**3.3** Rigward it-tiżjin tad-dawl tal-Milied, ġie deċiż li għandha tinħareġ immedjatament kwotazzjoni għal Triq ix-Xatt - *central strip* (minn *Manoel Island bridge* sal-*Waterfront Hotel*), Triq Manoel de Vilhena (mix-Xatt sa Triq D'Argens) Pjazza Meme' Scicluna u ħdejn l-*Activities Centre*.

Matul id-diskussjoni li saret dwar l-attivita' *Christmas Village* li ser issir fl-14 ta' Diċembru 2013, fuq iz-zuntier tal-Knisja, ġie deċiż li jintramaw it-toroq minn Victory sa Reid, Carlo Manche' sa Reid, Cameron sa Reid, id-dħul ta' l-isqaq minn Manoel de Vilhena tal-*Housing Estate* u Triq Sliema minn Triq Luqa Briffa sa Triq Madonna tal-Ġebla mill-Għaqda Festi Esterni, ser jieħdu sehem il-*Joy Gospel Chior*, il-Kor tal-Knisja u l-kunċert ser isir mill-*Għaqda Mużikali Mount Carmel*. L-i*stalls* u n-nagħaġ ser jinġiebu mid-Dipartiment tal-Kultura. Spejjeż inċidentali ser ikunu, stampar ta' *posters* u promozzjoni ta' l-attivita' fuq il-*billboard* tax-Xatt u ser tintbagħat sms lir-residenti Gżirjani.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak kollu li ntqal u ma' l-ispejjeż konċernati ma' din l-attivita' b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

**3.4** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter għan-nefqa ta' €300 sabiex jinxtraw medalji u trophies għall-attivita' li ser jorganizza l-istess Kunsill għat-tfal bi bżonnijiet speċjali.

**3.5** Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Alfred Beck dwar ħtieġa ta' *storm water culvert* fi Triq San Albert Upper.

Iċ-*Chairman* nforma li l-Kunsill diġa' kellu kwotazzjoni mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill rigward dan ix-xogħol liema kwotazzjoni kienet tammonta għall-€45,000. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill huwa responsabbli biss għall-manutenzjoni u mhux għall-kostruzzjoni ta' *storm water culverts*.

Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kunsill għandu jagħmel talba lill-Ministeru konċernat.

**3.6** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat għan-nefqa ta' €35.65 – kotba għall-librerija Pubblika mingħand id-ditta *Sierra Books Distributors.*

**3.7** Il-Kunsill iddeċieda unanimament li l-*e-mail* mibgħuta minn residenta dwar talba għal aktar sorveljanza mill-gwardjani lokali matul il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-Kulleġġ ta' Stella Maris li din il-korrispondenza għandha tintbagħat lir-Reġjun Ċentrali l-entita responsabbli f'dan il-qasam.

**3.8** Inqrat ittra mibgħuta mis-Sinjura Dorianne Attard Cremona dwar talba għal *zebra crossing* fi Triq D'Argens ħdejn l-*Empire Stadium* minħabba li qed ikun hemm tfal ta' l-iskola jistennew it-trasport ħdejn l-*OK showroom.*

Iċ-*Chairman* nforma li talba simili kienet saret lit-*Transport Malta* pero' ma kienitx ġiet approvata. Huwa kien qed jissuġġerixxi li terġa' ssir talba lill-entita' konċernata li ż-*zebra crossing* ssir aktar lejn ix-*showroom* ta' *Muscat Motors*.

Għaldaqstant, il-Viċi-Sindku kellu jipprepara *site plan* biex tintbagħat flimkien mal-korrispondenza lit-*Transport Malta*.

**3.9** Il-Kunsill ġie nfurmat li d-ditta *TCTC* kienet qed toffri għal din id-darba biss l-kors ta' *LEARNIT u ECDL START* għall-ammont ta' €225 minflok €1,150.

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-korsijiet għandhom isiru b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat

**3.10** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku mal-kwotazzjoni li ntbagħtet mid-ditta *General Ecological Services Ltd* sabiex issir spezzjoni ta' *storm water culvert* b'*CCTV* ħdejn in-numri 124, 125, 126 fi Triq ix-Xatt.

**3.11** Ġiet ppreżentata korrispondenza mibgħuta mit-*Transport Malta* rigward talba għal *Two Way System* fi Triq Turu Rizzo minn k/ma' Triq Luqa Briffa sa k/ma' Triq Nazju Ellul. L-entita' sopracitata m'għandha l-ebda oġġezzjoni li din issir *two way system* sakemm ikun hemm l-*STOP markings* fejn neċessarji u li l-kundizzjonijiet citati fl-istess ittra għandhom jiġu mħarsa, għall-perjodu bi prova ta' xahar.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament pero' qabel ma din tiġi effettiva, l-Kunsillier Victor Rutter għandu jieħu l-kummenti tar-residenti ta' Triq Sliema.

**3.12** Tressqet talba mis-Sinjura Daniela Said ta' kumpens għall-ħsarat li ġarbet fit-*tyre* tal-vettura tagħha minħabba sprall tax-xita fi Triq Carlo Manche'.

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż li dan l-isprall huwa ta' residenza privata u għaldaqstant kienet r-responsabbilita tar-resident li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tiegħu, r-ritratti li ntbagħtu juru li m'hemm ebda oġġett bil-ponta li seta' għamel tiċrita fit-*tyre* u juru wkoll li l-vettura kienet ipparkjata fuq id-*double yellow line* għaldaqstant din it-talba ma tistax tiġi milqugħa.

**3.13** Il-Viċi-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill proposti li jistgħu jiġu nklużi fil-proġett ta' *re-organisation/upgrading* ta' Triq ix-Xatt, Gżira (ara *appendix* Nru:1)

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mal-proposti kif preżentati u għalhekk dawn għandhom jintbagħtu lill-*Environment Protection Directorate*, kopja lill-*MEPA* u oħra lill-*Adi Associates*.

**3.14** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/20 minn numru 846 sa 907 (ara *appendix* nru: 2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopracitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Vincenza Attard.

## 5. Diskussjoni u Approvazzjoni tas-*2nd Quarterly Report* April – Ġunju 2013

**5.1** L-*Accountant* spjegat fid-dettal ir-rapport sopracitat li kien jindika bilanċ pożittiv ta' €61,872 (ara *appendix* Nru: 3)

Wara li twieġbu xi kjarifiki u mistoqsijiet li saru mill-membri preżenti, s-*2nd Quarterly Report* April – Ġunju 2013 ġie approvat unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 6. Affarijiet Oħra

**6.1** Il-Kunsillier ġie nfurmat li kienu qed isiru diversi lmenti rigward stabbiliment tax-xorb '*Collector's items* fi Sliema Road dwar storbju mill-istess klijenti sas-siegħat bikrin ta' filgħodu, flixken vojta fuq il-bankina u fuq is-soqfa tal-vetturi li jkun hemm posteġġati fil-viċin.

Il-Kunsillier Victor Rutter apparti li kkonferma dan qal, li l-vettura tas-sid tal-ħanut tkun posteġġata b'tali mod li xxekkel it-trasport pubbliku u b'hekk kienet qed tinħoloq konġestjoni tat-traffiku. Huwa kompla jgħid li saru rapporti dwar il-possibbilta ta' abbuż ta' droga.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li dawn l-ilmenti għandhom jintbagħtu lis-Supt. Raymond D'Anastas u kopja lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**6.2** Il-Kunsillier J.M. Muscat xtaq ikun jaf xi żviluppi kien hemm dwar l-*Expression of Interest* tal-*magazine* tal-Kunsill u ppreżenta kopja ta' *magazine* ta' Kunsill Lokali ieħor u qal li fl-opinjoni tiegħu l-*magazine* għandu jkun ta' l-istess tip.

Hu kien qed jipproponi wkoll li ssir tabella fuq il-faċċata tal-Kunsill fi Triq D'Argens.

Il-Kunsill informa li d-data ta' l-għeluq tas-sottomissjonijiet tas-suġġett hawn fuq imsemmi kienet il-Ħamis 30 t'Ottubru 12.00 p.m.

Rigward it-tabella, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata minn Charles Micallef St. John li għandna nġibu tlett kwotazzjonijiet sabiex issir tabella bl-arma tal-Kunsill li teħel mal-faċċata tal-Kunsill.

Il-Kunsillier J.M. Muscat qal ukoll, li ta' sikwit kien qed ikollu lmenti dwar il-knis tat-toroq li mhux qed isir daqstant tajjeb bil-konsegwenza tal-fatt li t-toroq qed jibqgħu maħmuġin.

Iċ-*Chairman* qal, li dawn l-ilmenti kienu qed jaslu għandu wkoll u kompla jgħid li l-Kunsill kien qed jaħdem fuq żewġ offerti, waħda tal-knis tat-toroq u l-oħra tal-ġbir ta' l-iskart domestiku fl-liema offerti kienu ser jinbidlu xi kundizzjonijiet bħal, li l-iskart domestiku jibda jinġabar filgħaxija u l-knis f'ċertu toroq ikun aktar frekwenti. Iċ-*Chairman* qal, li qabel ma dawn l-offerti jiġu ppubblikati, l-membri tal-Kunsill ser ikollhom l-opportunita' li jressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John staqsa dwar il-possibilta jekk l-iskart domestiku jixtax jibda jinġabar filgħaxija bi prova.

Iċ-*Chairman* qal li kien ser jikkuntattja lill-kuntrattur dwar din il-possibilta.

Fis-6.45 p.m. Il-Kunsillieri Vincenza Attard u Joseph M. Muscat talbu biex jiġu skużati minħabba mpennji oħra

**6.3** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John xtaq ikun jaf meta kienu ser isiru x-xogħlijiet tat-*traffic calming measures* fi Triq Sir Patrick Stuart u Triq Victory minħabba l-fatt li dawn kienu ġew approvati mit-*Transport Malta*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku li ssir dik ta' Triq Victory mill-kuntrattur *J&K Contractors Ltd* filwaqt li dik ta' Triq Sir Patrick Stuart, il-Kunsill għandu jikkuntattja lill-Perit tal-Kunsill biex jinforma lid-ditta *Polidano Bros Ltd* li din it-*traffic calming measure* għandha ssir minħabba l-fatt li din tagħmel parti mill-i*snag list* tat-*tender P.P.P.*

**6.4** Iċ-*Chairman* kien qed jipproponi li Triq Wied il-Kappara u l-inħawi jerġaw jiġu *circular* kif kienu qabel u dan minħabba l-fatt li t-traffiku f'din iż-żona kiber u qed jinħolqu diversi problemi.

Il-Kunsill qabel unanimament u għaldaqstant għandna ninfurmaw lit-*Transport Malta* dwar dan it-tibdil.

## 7 Laqgħa Oħra

**7.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.15 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 4 ta' Novembru 2013 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **KLG6/20**

# Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgha Klg6/20 - 07.10.2013** **Data:** **04.09.2013 - 07.10.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | EcoPure Ltd | €17.00 | €17.00 | D | Consumables Adm Office | 10.09.2013 | 553837 | 846 | | | |
| 2 | Grant Thornton | €3,500.00 | €3,500.00 | D | Audit financial statements Jan - Oct 2012 | 05.09.2013 | ABC/ac/034913 | 847 | | | |
| 3 | General Ecological Serv. | €118.00 | €118.00 | D | blockage drainage system 80/81 Stuart Street | 02.09.2013 | 0165/13 | 848 | | | |
| 4 | G4S Security Services Ltd | €123.90 | €123.90 | D | Cash In Transit - August 2013 | 31.08.2013 | GS008192 | 849 | | | |
| 5 | C.S.D. Office Trade | €145.43 | €145.43 | D | Stationery | 28.08.2013 | 45188 | 850 | | | |
| 6 | Environmental L/Scapes Cons | €2,214.29 | €2,214.29 | T | Maint of Soft Areas - August 2013 | 31.08.2013 | 009988 | 851 | | | |
| 7 | Squire Bookshop | €71.05 | €71.05 | D | Newspapers - August 2013 | 07.09.2013 | 10417 | 852 | | | |
| 8 | Longbow Ltd | €151.04 | €151.04 | D | Bin Liners for litter bins at the Strand | 09.09.2013 | 126061 | 853 | | | |
| 9 | GO plc | €62.97 | €62.97 | D | Calls Aug Rent Sept. 21334254/21341034 | 06.09.2013 | 34124856 | 854 | | | 8518 |
| 10 | GO plc | €52.24 | €52.24 | D | Calls Aug Rent Sept. 21322157 | 06.09.2013 | 34125348 | 855 | | | |
| 11 | GO plc | €22.43 | €22.43 | D | Calls Aug Rent Sept 21341616 | 06.09.2013 | 34124860 | 856 | | | |
| 12 | Union Print Ltd | €204.14 | €204.14 | D | Printing of Receipt Books | 23.08.2013 | P1005401 | 857 | | | |
| 13 | Anton Zarb | €1,115.10 | €1,115.10 | Q | Doggy Bins | 22.08.2013 | AZ 127-13 | 858 | | | |
| 14 | General Cleaners Co Ltd | €231.28 | €231.28 | Q | Leasing of 2 mobile Toilets August 2013 | 09.09.2013 | 001599 | 859 | | | |
| 15 | J.F. Mallia Ltd | €523.14 | €523.14 | D | Maint bozoz Job Nos:293-96-97-98-99-300 | 06.09.2013 | 943 | 860 | | | |
| 16 | J.F. Mallia Ltd | €538.56 | €538.56 | D | Maint Street lighting ix-Xatt | 09.09.2013 | 948 | 861 | | | |
| 17 | J.F. Mallia Ltd | €448.98 | €448.98 | D | Maint Street lighting Gzira Rd | 09.09.2013 | 954 | 862 | | | |
| 18 | J.F. Mallia Ltd | €392.50 | €392.50 | D | New Luminaire and Maint Cameron Street | 10.09.2013 | 960 | 863 | | | |
| 19 | Alfa Co. Ltd | €35.00 | €35.00 | D | Rental Charge Photocopier | 31.08.2013 | 30004307 | 864 | | | |
| 20 | Koperattiva Tabelli/Sinjali | €70.99 | €70.00 | T | Road Markings Job No: 12607 | 23.08.2013 | 18429 | 865 | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€10,038.04** | **€10,037.05** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€10,038.04** | **€10,037.05** | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **KLG6/20**

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/20 - 07.10.2013** **Data:** **04.09.2013 - 07.10.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Koperattiva Tabelli/Sinjali | €95.96 | €95.96 | | T | Road Markings Job No: 12608 | 23.08.2013 | 18430 | 866 | | | |
| 22 | Koperattiva Tabelli/Sinjali | €1,221.26 | €1,221.26 | | T | Road Markings Job No: 12605 | 22.08.2013 | 18438 | 867 | | | |
| 23 | Koperattiva Tabelli/Sinjali | €635.82 | €635.82 | | T | Road Markings Job No: 12564 | 04.092013 | 18443 | 868 | | | |
| 24 | Koperattiva Tabelli/Sinjali | €225.67 | €225.67 | | T | Road Markings Job No: 12565 | 03.09.2013 | 18444 | 869 | | | |
| 25 | Koperattiva Tabelli/Sinjali | €206.58 | €206.58 | | T | Road Markings Job No: 12566 | 03.09.2013 | 18445 | 870 | | | |
| 26 | Koperattiva Tabelli/Sinjali | €39.03 | €39.03 | | T | Road Markings Job No: 12567 | 04.09.2013 | 18446 | 871 | | | |
| 27 | Koperattiva Tabelli/Sinjali | €80.75 | €80.75 | | T | Traffic Signs Job No: 9871 | 03.09.2013 | 18452 | 872 | | | |
| 28 | Koperattiva Tabelli/Sinjali | €207.53 | €207.53 | | T | Road Markings Job No: 12585 | 29.08.2013 | 18506 | 873 | | | |
| 29 | Koperattiva Tabelli/Sinjali | €106.08 | €106.08 | | T | Road Markings Job No: 12586 | 29.08.2013 | 18507 | 874 | | | |
| 30 | Local Councils Association | €42.00 | €42.00 | | D | Laqgha tas-Sindki 27/28 Sept. 2013 | 13.09.2013 | | 875 | | | 8522 |
| 31 | A.V.Critien Co Ltd | €129.80 | €129.80 | | D | Road Marking Paint | 19.09.2013 | 1062 | 876 | | | |
| 32 | Longbow Ltd | €18.41 | €18.41 | | D | Bin liners for doggy bins | 19.09.2013 | 126595 | 877 | | | |
| 33 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,470.42 | | D | Allocated MSW Waste August 2013 | 16.09.2013 | 40742 | 878 | | | |
| 34 | Print Right Ltd | €236.25 | €236.25 | | D | Posters/fuljetti Pageant | 23.09.2013 | 1181 | 879 | | | |
| 35 | Mr David Grasso | €475.00 | €475.00 | | D | Summer Music Nights 8-15-22-29 Aug -12 Sept 2013 | 13.09.2013 | | 880 | | | |
| 36 | ARMS Ltd | €764.27 | €764.27 | | D | 07.06.2013 - 10.08.2013 Adm Office | 12.09.2013 | 17410114 | 881 | | | |
| 37 | ARMS Ltd | €748.96 | €748.96 | | D | 27.03.2013 - 16.07.2013 Gżira Gardens | 18.09.2013 | 17449957 | 882 | | | |
| 38 | ARMS Ltd | €344.14 | €344.14 | | D | 27.03.2013 - 16.07.2013 Promenade Gardens | 18.09.2013 | 17449958 | 883 | | | |
| 39 | Maltapost | €34.00 | €34.00 | | D | Postage Stamps for Adm Office | 26.09.2013 | | 884 | | | |
| 40 | Mount Carmel Band Club | €2,000.00 | €2,000.00 | | D | Servizz - Attivita' 30.08.2013 | 12.09.2013 | | 885 | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€11,675.90** | **€11,081.93** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€10,038.04** | **€10,037.05** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€21,713.94** | **€21,118.98** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **KLG6/20**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/20 - 07.10.2013** **Data:** **04.09.2013 - 07.10.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Print Right Ltd | €136.50 | €136.50 | D | Posters u Programe Attivita' 30.08.2013 | 23.09.2013 | 001182 | 886 | | | |
| 42 | Safety & Security Manageme nt Ltd | €141.60 | €141.60 | D | Hi Vis Marking Tape - Attivita 30.08.2013 | 17.09.2013 | 3384 | 887 | | | |
| 43 | Image Systems Ltd | €96.54 | €96.54 | D | 31.07.2013-31.08.2013 Rent photocopier | 31.08.2013 | rent/077861 | 888 | | | |
| 44 | Image Systems Ltd | €103.53 | €103.53 | D | 31.07.2013-31.08.2013 Rent photocopier | 31.08.2013 | rent/077860 | 888 | | | |
| 45 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | Q | Craft Lessons for the month of September 2013 | 30.09.2013 | 47 | 889 | | | |
| 46 | Squire Bookshop | €72.25 | €72.25 | D | Newspapers September 2013 | 29.09.2013 | 1103 | 890 | | | |
| 47 | Squire Bookshop | €77.85 | €77.85 | D | Stationery | 30.09.2013 | 9660 | 891 | | | |
| 48 | Melita plc | €279.04 | €279.04 | D | Usage 08.092013 - 07.10.2013 | 08.09.2013 | 34665141 | 892 | | | 8533 |
| 49 | Dept of Information | €9.32 | €9.32 | Q | Advert | 17.09.2013 | | 893 | | | |
| 50 | JJ & JM Co. Ltd | €179.84 | €179.84 | D | Consumables Adm Office | 30.09.2013 | | 894 | | | |
| 51 | EcoPure Ltd | €12.74 | €12.74 | D | Consumables Adm Office | 27.09.2013 | 555244 | 895 | | | |
| 52 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | Street Sweeping Sundays - August 2013 | 26.09.2013 | 13/3048 | 896 | | | |
| 53 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | S/Sweeping G/Cutting - August 2013 | 26.09.2013 | 13/3049 | 897 | | | |
| 54 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | Street Sweeping Sundays - September 2013 | 01.10.2013 | 13/3053 | 898 | | | |
| 55 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | S/Sweeping G/Cutting - September 2013 | 01.10.2013 | 13/3054 | 899 | | | |
| 56 | SRF Cleaning Services | €572.30 | €572.30 | T | washing h/Estate/gazebos Aug - Stuart 30 Aug Koncert | 07.08.2013 | 13/3036 | 900 | | | |
| 57 | The Toolbox | €47.30 | €47.30 | D | Maint of bollards and U-Shape barriers - litter bins | 18.07.2013 | 11992 | 901 | | | |
| 58 | The Toolbox | €27.81 | €27.81 | D | Maint of Adm Office | 18.092013 | 12127 | 901 | | | |
| 59 | The Toolbox | €4.27 | €4.27 | D | Maint of benches at Ġnien | 18.09.2013 | 12125 | 901 | | | |
| 60 | The Toolbox | €8.29 | €8.29 | D | Maint of Road Markings | 24.09.2013 | 12141 | 901 | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€12,078.92** | **€12,078.92** | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€21,713.94** | **€21,118.98** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€33,792.86** | **€33,197.90** | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **KLG6/20**

# Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Klg6/20 Laqgha 07.10.2013** **Data:** **04.09.2013 - 07.10. 2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | EM Cleaning Services | €432.87 | €432.87 | | T | Skip Hire - September 2013 | 30.09.2013 | 93 | 902 | | | |
| 62 | EM Cleaning Services | €836.06 | €836.06 | | T | Public Convenience - Sept. 2013 | 30.09.2013 | 94 | 903 | | | |
| 63 | EM Cleaning Services | €930.58 | €930.58 | | T | Bulky Refuse - August 13 - 170 Calls | 30.09.2013 | 95 | 904 | | | |
| 64 | EM Cleaning Services | €5,590.50 | €5,590.50 | | T | Door to Door Collection - Sept 2013 | 30.09. 2013 | 96 | 905 | | | |
| 65 | Dr Ed Woods LL.D. | €494.76 | €494.76 | | Q | Legal Advisor - July - Aug - Sept. 2013 | 30.09.2013 | 97 | 906 | | | |
| 66 | Ms Nathalie Camilleri | €214.83 | €214.83 | | Q | Librarian services Sept. 2013 | 30.09.2013 | 2 | 907 | | | |
| 67 | Gżira Local Council | | | | | Honoraria & Wages | | | | | | |
| 68 | Gżira Local Council | | | | | C.I.R. | | | | | | |
| 69 | | | | | | | | | | | | |
| 70 | | | | | | | | | | | | |
| 71 | | | | | | | | | | | | |
| 72 | | | | | | | | | | | | |
| 73 | | | | | | | | | | | | |
| 74 | | | | | | | | | | | | |
| 75 | | | | | | | | | | | | |
| 76 | | | | | | | | | | | | |
| 77 | | | | | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€8,499.60** | **€8,499.60** |
| **Sub Total b/f** | **€33,792.86** | **€33,197.90** |
| **Total** | **€42,292.46** | **€41,697.50** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier